# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ritienne Gauci)**

**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Vs**

**Raymond Spiteri**

**Kawza tad-Distrett tan-Naxxar**

**Illum, 4 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Raymond Spiteri,** 59 sena, iben Carmelo u Josephine nee' Mallia, imwieled Marsa fis-27/09/1961 u residenti gewwa 30, 'Wendy Wayne', Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq, l/t Naxxar bil-karta tal-identita' numru 646461 M

akkuzat talli nhar id-9 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' bejn 08:30 hrs u 09:00 hrs fi Triq ix-Xambekk, Bahar ic-Caghaq, l/t Naxxar ikkommettejt serq semplici ghal ammont ta' mitejn Ewro (€ 200) ghad-dannu ta' Mathieu Eduoard Marie Salomon.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-affidavit ta' PS 408 M Schembriipprezentat mat-tahrika tal-kawza, l-affidavit ta' PC 2328 Lilian Attard ipprezentat mat-tahrika tal-kawza, semghet ix-xhieda ta' Mathieu Edouard Marie Salomon fis-seduta tal-7 ta' Marzu 2023.

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi fis-seduta tal-7 ta' Marzu 2023;

Rat li l-imputat mhux assistit ghazel li ma jixhidx u differiet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-artikoli 284, 285  u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, dokumenti u l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat

<u>Provi tal-prosekuzzjoni</u>

**Affidavit ta' P.S. 408 M Schembri** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Jiddikjara li nhar id-disgha ta' Marzu tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (09/03/2021 ghal habta ta' 12:10 hrs gie infurmat li kien sar rapport gewwa l-ghassa tal-pulziija tan-Naxxar minn certu Mathieu Eduoard Marie Salomon fejn irrapporta li ftit tal-hin qabel ghal habta ta' bejn it-08:30 hrs u 09:00 hrs kien halla basket iswed tad-ditta Nike li fih kellu affarijiet tal-ghawm fuq ic-cint tar-residenza tieghu gewwa Triq ix-Xambekk, Naxxar u fejn ghaddiet persuna maskili u haditlu l-imsemmi baskett.

Stqarr li jikkalkula li l-affarijiet li nsterqulu jammontaw ghal madwar mitejn ewro.

Minn aktar stharrig li sar mil-pulziija gie elevat filmat tas-C.C.T.V. fejn deher ragel samrani liebes flokk abjad u borza f' idu li kien ghaddej bil-mixi, waqaf fejn l-imsemmi basket, qabdu f' idu dawwru, hadu u kompla miexi.

Sussegwentement minn aktar investigazzjonijiet li saret gie stabilit illi l-persuna li deheret fil-filmati kienet certu Raymond Spiteri.

Nhat it-03/04/2021 Raymond Spiteri gie mitkellem mill-Ispettur Christabelle Chetcuti gewwa l-ghassa ta' Birkirkara fil-prezenza tieghu f' dan ir-rigward fejn wara li gie moghti l-opportunita' li jikkonsulta jew sahansitra ikollu prezenti l-avukat ta' fiducja tieghu qabel iwiegeb ghall xi mistoqsijiet irrinunzja dan id-dritt u ffirma dikjarazzjoni dwar dan.

Meta mistoqsi x' kien gara dakinnhar u cioe' fid-09/03/2021 meta jihder fuq C.C.T.V. footage jiehu l-imsemmi basket stqarr 'kont sejjer nixtri minghand tal-grocer u rajt dan il-basket li kien fuq ic-cint, mort nixtri u jiena u gej lura dan il-basket kien ghadu hemmhekk u qbadt u haddtu. Hallejtu xi gimgha d-dar, rajt li kien fih flippers u goggles u peress li ma kelliex bzonnhom armejthom u zammejt il-baskett.

Is-sur Spiteri gab mieghu l-ghassa l-imsemmi baskett iswed tad-ditta Nike u inghata ircevuta tieghu, ikkopera bis-shih ghal mistoqsijiet li sarulu u sahansitra qabel li jikkompensa is-somma ta' mitejn ewro lil kwerelant wara qbil li sar meta dan ta' l-ahhar gie ikkuntattjat.

**Affidavit ta' PC 2328 Lilian Attard** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza**.** Ix-xhud hadet ir-rapport ta' Mathieu Edouard Marie Saloman li gie irrapporta fl-ghassa tan-Naxxar fid-09 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' 12:10 hrs. Il-kwerelant irrapporta li dak in-nhar stess kien halla basket tan-Nike fuq ic-cint tal-parapett fejn jirrisjedi u mar jixtri. X' hin mar lura d-dar l-baskett ma kienx hemmhekk. Iccekja mal-C.C.T.V. tal-gar tieghu u deher ragel, ghaddej bil-mixi u borza bil-hobz f' idu, waqaf fejn il-parapett qabad il-baskett dawru ma idu u hadu mieghu.

Gol-baskett kellu affarijiet tal-ghawm, par flip flop tad-ditta Havana ta' lewn abjad, par pedals li jiswa' madwar Eur 40 u 3 pari goggles tad-ditta Arena, wiehed trasparenti u tnejn suwed li jiswew madwar Eur 40 il-wiehed, 2 skin piece tights ta' lewn grizi li jiswew madwar Eur 15 il-wiehed, 1 xugaman blu u 1 flixkun tal-ilma vojt. Stqarr li jikkalkula li l-affarijiet li nsterqulu jammontaw ghal madwar Eur 200.

Il-kwerelant wera lil pulziija minn fuq il-mobile tieghu l-filmat tac-C.C.T.V.

Is-sur Salomon gie mistoqsi ghalfejn halla l-baskett wahdu minghajr ghassa mieghu, fejn huwa wiegeb li hallieh hemm sakemm mar sal-grocery store. Ta' min jinnota li c-cint li

fuqu kien fuqu l-baskett huwa baxx u facilment accessibbli mill-persuni li jkunu ghaddejin mit-triq.

Nhar id-9 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' l-16:00 hrs il-pulizija divizjonali PC 1485 PC 2106 u PC 390 irrikorrew fi Triq ix-Xambekk, Naxxar fejn sar stharrig mal-hanut 'Sunflower' fejn gie mitkellem is-sid certu George Vella u impjegata Anna Bartolo. L-impjegata stqarret li l-wicc l-imsemmi ragel ma kienx gdid izda ma tafx dettalji tieghu jew fejn joqghod.

Gie mitkellem sid il-flat 18, Falcon Hurst, Nru. 1, certu Joseph Bezzina fejn meta mistoqsi rigward ic-CCTV stqarr li jiffunzjonaw izda ma jafx jaqilbu fuq cd. Fuq ic-CCTV tiehgu l-imsemmi akkadut deher isehh fid-08:50 hrs. Gie mibghut email lis-sezzjoni forensika tal-pulziija sabiex jingabar il-filmat tac-CCTV ghal aktar investigazzjoni. PS 408 mill-ghassa tal-pulizija Naxxar, gie infurmat b' dan ir-rapport.

L-imsemmi filmat tas-CCTV gie migbur mis-sezzjoni forensika tal-pulzija fejn nhar 21/03/2021 gie mghoddi lil PS 408 gewwa l-ghassa Birkirkara.

Minn investigazzjoni minn naha ta' PS 408 rrizulta li l-persuna li deheret fil-filmat tac-CCTV l-imsemi Raymond Spiteri I.D. 0646461 M.

Rigward dan gie imhejji rapport bin-numru 8/S/698/2021.

**Matthew Edouard Marie Salomon**, xehed fis-seduta tal-7 ta' Marzu 2023. Is-serqa sehhed quddiem id-dar tieghu Apt 2, Falcon Hurst, Triq ix-Xambekk, Bahar ic-Caghaq. Halla baskett fuq ic-cint tad-dar tieghu, sakemm mar il-hanut u sakemm gie lura nsteraq. Mar gewwa biex jara ic-CCTV footage u raha lil dan ir-ragel li seraqlu l-baskett u mar jaghmel rapport lil- pulizija.

Ix-xhud jaghraf  lil imputat fl-awla.

F' dan il-baskett kellu affarijiet ta' l-isports ta' valur ta' mitejn ewro. Dawn l-affarijiet ma gewx irritornati, xi sena wara il-pulizija tal-Hamrun kienu qalulu biex jigbor il-baskett imma l-baskett kien vojt.  Ic-CCTV huwa tieghu personali.  Il-valur ta' mitejn ewro huwa dak tal-oggetti li kienu gewwa l-baskett.

Ikkunsidrat

F' dan il-kaz il-kwelelant kien halla baskett b' affarijiet go fih  fuq ic-cint tar-residenza tieghu u sakemm mar jixtri f' hanut fil-vicinanzi l-baskett kien ittiehed. L-imputat gie identifikat permezz ta' CCTV camera li kien hemm fir-residenza tal-kwerelant. Wara li l-pulizija kellmu lil imputat huwa ritorna l-baskett imma mhux il-kontenut ta' go fih li skont l-kwerelant ghandhom valur ta' mitejn ewro. Il-baskett gie eventwalment ritornat lil kwerelant mill-pulizija.

Ikkunsidrat

Skont l-artikoli-artikolu 284 u 285 tal-Kodici Kriminali

> "284. Is-serq mhux akkumpanjat minn waħda mill-kwalifik imsemmijin fl-artikolu 261 huwa serq sempliċi.
>
> 285.Il-ħati ta' serq sempliċi jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur: Iżda jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur."

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Ludwig Bugeja",** (Appell Kriminali Inferjuri, deciza 28 ta' April 2022) fejn il-Qorti riferiet ghal sentenzi ohra dwar l-elementi tar-reat ta' serq. F' din is-sentenza il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi. Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat

> *"Illi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ' Il- Pulizija (Spettur Joseph Mericeca) vs Jonathan Zammit' fejn gie kkunsidrat li: '*
>
> *5. Dawn il-fatti m'ghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l-konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b' qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il- provenjenza ta' dawn l- elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro".'*

*Il-gurisprudenza Maltija fuq il-lukru jew l-animus lucrandi rriteniet illi l-qliegh jista' jiehu diversi forom u mhux necessarjament wieħed li jissarraf fi flus.*[1] *Dan huwa l-principju li gie ravviżat fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Balzan* [2]*fejn ġie ritenut is-segwenti:*

*'Il-Qorti qalet li meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji izda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment talpersuna koncernata izda anke ghal haddiehor inkluz socjetà ta' responsabiltà limitata bhalma hu f'dan il-kaz.'.*

Ikkunsidrat

Fil-kaz in ezami gie ezebit CCTV footage fejn l-imputat, li l-kwerelant gharaf fl-awla, jihder jiehu l-baskett minn fuq ic-cint tar-residenza tal-imputat u jitlaq bih. (CD u ritratti mmarkati Dok A ezebiti mill- prosekuzzjoni fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2023. L-imputat stess wara li gie mitkellem mil-pulzija ritorna l-baskett tad-ditta Nike fl-ghassa ta' Birkirkara fit-2 ta' Aprl 2021 (ara Dok. D ezebit mill-prosekuzzjoni fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2023). Li ma giex ritornat huwa l-kontenut tal-baskett. Il-Qorti qed tikkusidra li l-hames elementi necessarji sabiex jigi stabilit ir-reat tas-serq gew ipprovati.

Dwar l-valur tal-oggetti l-Qorti ser tistrieh fuq il-valur moghti mill-kwerelant taht gurament u ser tordna lil imputat sabiex jaghmel tajjeb ghalihom.

**Decide**

Ghadaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli Rat l-artikoli 284, 285 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat Raymond Spiteri hati tal-akkuzi fil-konfront tieghu u tikkunnnah ghal sentenza ta prigunerija effettiva ghal zmien xahar (1)

Il-Qorti tordna lil imputat sabiex ihallas lil kwerelant is-somma ta' mitejn ewro (€ 200) fi zmien sitt xhur (6) .

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Epserti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

---

[1] 39 Ara Il-Pulizija vs Gianluca Carabott deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it23 ta' Gunju, 2020.

[2] 40 Deciz fit-23 ta' Marzu tal-2015

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**